# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**Rik. Nru. 97/16JRM**

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 97/16 fl-ismijiet:

Il-Prim Ministru Joseph **MUSCAT** fil-kwalita' tiegħu ta' membru tal-Kamra tad-Deputati u l-Avukat Ġenerali

vs

Mark **GAFFARENA** u Josielle Gaffarena mart Mark

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fil-21 ta' Jannar, 2016, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrenti talbu li din il-Qorti toħroġ Mandat ta' Inibizzjoni biex iżżomm lill-intimati "milli jbiegħ, ineħħi, jittrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos* sew b'titolu oneruż jew gratuwitu xi proprjeta', u b'mod partikolari l-proprjeta' indikata fid-dokument hawn anness bħala Dok 'A' " u dan b'ħarsien ta' pretensjoni tagħhom ta' "ċirka mitejn elf euro x'jikkawtelaw" liema pretensjoni ġiet minnhom dedotta f'kawża li fetħu kontra l-istess intimati[1];

[1] Rik. Nru. 53/16AF (imqiegħda għas-smigħ għall-10.3.2016)

Rat id-degriet tagħha tal-21 ta' Jannar, 2016, li bih laqgħet it-talba provviżorjament, ordnat in-notifika lill-intimati bi żmien għat-tweġiba u qiegħdet ir-rikors għas-smigħ tad-9 ta' Frar, 2016;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati fid-29 ta' Jannar, 2016, li biha laqgħu għat-talba billi qalu li l-Qorti jmissha tiċħadha billi hija msejsa fuq Rikors Maħluf li ma jiswiex skond il-liġi u għalhekk lanqas dan ir-rikors ma jiswa, kif irid l-artikolu 98 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Żiedu jgħidu li t-talba għall-ħruġ tal-Mandat tressqet qabel waqtha, għaliex ma tista' ssir l-ebda talba bħalma r-rikorrenti ressqu fir-Rikors Maħluf tagħhom għat-tħassir tal-kuntratti li saru mal-intimati, qabel ma titreġġa' lura d-Dikjarazzjoni tal-President dwar l-esproprjazzjoni tal-fond f'numru sitta u tletin (36) Triq iż-Żekka, Valletta. Qajmu l-kwestjoni li t-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-Mandat hija diskriminatorja kontrihom, għaliex minn mindu daħal fis-seħħ il-Kapitolu 268 tal-Liġijiet ta' Malta, saru minn talanqas ħamsa u ħamsin (55) kuntratt ieħor ibbażati fuq l-istess artikolu tal-Iskeda ta' dak l-Att. Temmew jgħidu li t-talba għall-ħruġ tal-Mandat ma tiswiex għaliex saret fuq formola ta' Mandati b'denominazzjoni ta' munita li ma għadhiex valuta legali f'Malta;

Semgħet ix-xhud imressaq mir-rikorrenti;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tad-9 ta' Frar, 2016, f'liema data ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

## *Ikkunsidrat:*

Illi tqis li r-rikorrenti jridu li din il-Qorti żżomm lill-intimati (minn issa 'l quddiem imsejħin "Gaffarena") milli jneħħu jew milli b'xi mod jittrasferixxu favur terzi bosta ġid immobbli, u dan sabiex jitħarsu l-pretensjonijiet tagħhom f'kawża redibitorja li huma fetħu kontra tagħhom dakinhar li ressqu t-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li bis-saħħa ta' kuntratt pubbliku ta' permuta fl-atti tan-Nutar Anthony Ħili tat-28 ta' Jannar, 2015[2], il-Kummissarju tal-Artijiet f'isem il-Gvern ta' Malta ta lil Gaffarena bi tpartit, għall-finijiet tal-artikolu 13 tal-Iskeda tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern, mas-

[2] Dok "MG1", f'paġġ. 20 – 8 tal-atti

sehem tagħhom ta' kwart ($^1/_4$) mhux maqsum mill-post numru 36, Triq iż-Żekka l-Qadima, Valletta – liema sehem kien stmat li jiswa tmien mija u tnejn u għoxrin elf u ħames mitt euro (€ 822,500) – erba' (4) fondi li jikkonsistu (a) fid-dirett dominju temporanju tal-fond numru 73, Triq Manwel Dimech, Sliema (kantuniera ma' Triq San Ġwann il-Battista) liema ċens jagħlaq fit-30 ta' Ġunju, 2016, u stmat li jiswa ħamsa u sittin elf euro (€ 65,000); (b) biċċa art tal-kejl ta' ħamest elef disa' mija u tnejn u disgħin metri kwadri (5,992m$^2$) msejħa "*Tas-Salvatur*", f'Ta' Kandja, fil-limiti tas-Siġġiewi, stmata li tiswa mija u ħamsa u sittin elf u tmien mitt euro (€ 165,800); (ċ) porzjon ta' art mill-għalqa "*tal-Ħandaq*", fil-limiti ta' Ħal Qormi, tal-kejl ta' disat elef disa' mija u tmenin metri kwadri (9,980m$^2$), stmata li tiswa mija u tnejn u disgħin elf tmien mija u għaxar euro (€ 192,810); u (d) art b'xi binjiet tal-injam mibnija fuqha f'Baħar iċ-Ċagħak, fil-limiti tan-Naxxar, tal-kejl ta' tlitt elef seba' mija u ħamsa u tletin metri kwadri (3,735m$^2$), li kienet stmata li tiswa mitejn u sittin elf euro (€ 260,000). Il-Gvern ħallas lil Gaffarena s-somma ta' mija u tmienja u tletin elf tmien mija u disgħin euro (€ 138,890) f'ekwiparazzjoni;

Tqis li bis-saħħa ta' kuntratt pubbliku ieħor fl-atti tan-Nutar Anthony Ħili tal-10 ta' April, 2015[3], il-Kummissarju tal-Artijiet f'isem il-Gvern ta' Malta ta lil Gaffarena bi tpartit, taħt l-istess imsemmija liġi, sehem ieħor ta' kwart ($^1/_4$) mhux maqsum mill-imsemmi post numru 36, Triq iż-Żekka l-Qadima, Valletta – liema sehem kien stmat li jiswa tmien mija u tnejn u għoxrin elf u ħames mitt euro (€ 822,500) – ma' żewġ (2) fondi li jikkonsistu (e) f'biċċa art oħra b'xi binjiet fuqha li tinsab f'Baħar iċ-Ċagħak, fil-limiti tan-Naxxar, tal-kejl ta' elf sitt mija u tlieta u sittin metri kwadri (1,663m$^2$), li kienet stmata sebgħin elf euro (€ 70,000); u (f) żewġ biċċiet art magħrufa bħala "*Raba' ta' Ħarram*" jew "*Ta' Ħal Mula*" fil-limiti ta' Ħaż-Żebbuġ tal-kejl rispettiv ta' elfejn u mija u ħamsin metri kwadri (2,150m$^2$) u l-oħra ta' erbgħa u għoxrin elf u tlieta u sebgħin metri kwadri (24,073m$^2$), li t-tnejn flimkien kienu stmati li jiswew tliet mija u ħamsa u sebgħin elf euro (€ 375,000). Il-Gvern ħallas lil Gaffarena s-somma ta' tliet mija u sebgħa u sebgħin elf u ħames mitt euro (€ 377,500) f'ekwiparazzjoni;

Tqis li wara li nħareġ rapport mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika fl-20 ta' Jannar, 2016, dwar iċ-ċirkostanzi marbuta ma' dak li wassal għall-pubblikazzjoni taż-żewġ kuntratti pubbliċi fuq imsemmija, ir-rikorrenti fetħu kawża biex jitolbu, fost ħwejjeġ oħra u għar-raġunijiet hemm imsemmija, it-tħassir tal-istess kuntratti;

---

[3] Dok "MG2", f'paġġ. 46 sa 53 tal-atti

Tqis li r-rikorrenti jissottomettu li dik il-kawża nfetħet bis-saħħa ta' dak li jipprovdu l-artikoli 3 u 4(2) tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern[4];

Tqis li din il-proċedura tal-lum tressqet skond l-artikolu 874 tal-Kap 12 u trid titqies fil-qafas tal-ħtieġa li Mandat ta' Inibizzjoni, jekk jintlaqa', jkun jista' jintrabat ma' ġid li bla xkiel ikun identifikat u magħruf, ladarba l-għan ta' mandat bħal dak mhuwiex li jittrasferixxi l-ġid milqut imma biss li jidentifikah u jagħrfu minn ġid ieħor;

Tqis li għal dak li jirrigwarda l-eċċezzjoni ta' Gaffarena li t-talba għall-ħruġ tal-Mandat ma jmisshiex tintlaqa' minħabba n-nullita' tal-istess Mandat, il-Qorti tqis li din mhijiex tajba. Ir-raġunijiet kollha li Gaffarena jsemmu biex isejsu l-argument tagħhom dwar dan jintrabtu man-nullita' tal-att promotur li bih ir-rikorrenti fetħu l-kawża kontrihom;

Tqis li, minbarra li normalment u minħabba n-natura partikolari tal-proċediment, ma huwiex mogħti li fi proċeduri għall-ħruġ ta' Mandat jitħallew jitqajmu eċċezzjonijiet preliminari, f'dan il-każ l-istħarriġ tas-siwi tar-Rikors Maħluf imressaq kontra Gaffarena ma jistax isir minn din il-Qorti, iżda mill-Qorti li quddiemha tressqet il-kawża, għaliex kieku din il-Qorti tkun qiegħda torbot idejn il-Qorti l-oħra. Wara kollox, fl-atti tal-Mandat lanqas biss tressqet kopja tar-Rikors Maħluf li Gaffarena jgħidu li hu milqut min-nullita'. Għalhekk, sakemm ma jkunx hemm xi deċiżjoni li ssib li r-Rikors Maħluf ma jiswiex jew hu milqut minn xi nullita', jibqa' jitqies li sar sewwa u b'riħet hekk il-Mandat li ntalab il-ħruġ tiegħu b'ħarsien tal-pretensjonijiet dedotti f'dak ir-Rikors Maħluf ma jistax jitqies li huwa null;

Tqis ukoll li Gaffarena jeċepixxu li r-rikorrent Onorevoli Prim Ministru ma setax jiftaħ il-kawża fil-kwalita' tiegħu ta' Prim Ministru, iżda biss bħala membru fil-Kamra tad-Deputati;

Tqis li l-imsemmija eċċezzjoni ma tinftihemx. Ir-rikorrent Dottor Joseph Muscat, bħala Prim Ministru, huwa wkoll u tabilfors skond il-Kostituzzjoni membru tal-Kamra tad-Deputati[5], u t-talba tiegħu għall-ħruġ tal-Mandat jagħmilha espressament f'dik il-kwalita' ta' deputat parlamentari;

Tqis ukoll li Gaffarena jqajmu l-kwestjoni tas-siwi tal-Mandat minħabba li l-formola li r-rikorrenti nqdew biha biex jitolbu l-ħruġ tal-Mandat issemmi li din hija talba għall-ħruġ ta' Mandat "fejn it-talba teċċedi l-LM 4,000" u

[4] Att XXXIII tal-1976 (Kap. 268)
[5] Art. 80 tal-Kostituzzjoni

dan meta sa mill-2008 l-Lira Maltija ma baqgħetx aktar valuta legali f'Malta;

Tqis li ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li t-talba għall-ħruġ tal-Mandat saret fuq il-Formola 25 li hija sewwasew waħda minn dawk tal-Iskeda "B" tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili li jirrigwardaw talba taħt l-artikolu 874 tal-istess Kodiċi;

Tqis li llum il-ġurnata mandat taħt dak l-artikolu jista' jintalab biss jekk is-somma pretiża tkun taqbeż l-ammont ta' ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmi (€ 11,646.86);

Tqis, madankollu, li minkejja din l-anomalija fil-Formola li nqdew biha r-rikorrenti, ma jistax jingħad li l-att ġudizzjarju mressaq mir-rikorrenti ma jiswiex. Dan qiegħed jingħad għaliex il-liġi tgħid li kull nuqqas jew ksur taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 789(1)(a), (ċ) jew (d) tal-Kodiċi li jista' jissewwa taħt kull dispożizzjoni tal-liġi jwaqqaf milli tkun tista' tingħata l-eċċezzjoni tan-nullita' tal-att li jkun[6];

Tqis li, f'dan il-każ, il-liġi tagħti li att imressaq quddiem qorti jista' jissewwa jew jinbidel fiċ-ċirkostanzi maħsuba – il-bidla fit-tismija tal-att huwa wieħed minn dawn iċ-ċirkostanzi[7];

Tqis għalhekk li, għalkemm ir-rikorrenti naqsu li jressqu talba f'dan is-sens, il-Qorti tista' minn rajha ssewwi att ġudizzjarju jew tordna li jsiru fih tibdiliet sakemm ma tkun għadha għaddiet għall-għoti tal-provvediment[8] u dan għaliex dan ma jġib l-ebda ħsara lill-partijiet u lanqas jolqot fil-mertu t-talba jew l-eċċezzjonijiet għaliha;

Tqis ukoll li s-sottomissjoni tal-għaref difensur tal-intimati Gaffarena dwar jekk ir-rikorrenti għandhomx il-jedd mad-daqqa t'għajn li jitolbu l-ħruġ tal-Mandat, il-Qorti hija tal-fehma li għalkemm huwa minnu li dan l-element huwa meħtieġ bħal fil-każ ta' kull Mandat ta' Inibizzjoni ieħor, madankollu, ma jistax jingħad li l-kriterji huma l-istess. Dan jingħad għaliex, għall-finijiet tal-artikolu 874 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-kejl waħdieni huwa biss jekk kemm-il darba l-pretensjoni ta' min jitlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dak taqbiżx l-ammont ta' ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmi (€ 11,646.86). Jekk taqbeż dik is-somma, dak l-element jikkostitwixxi l-jedd mad-daqqa t'għajn tar-rikorrent biex jinħareġ il-Mandat mitlub;

---

[6] *Proviso* tal-art. 789(1) tal-Kap 12
[7] Ara art. 175(1) u (2) tal-Kap 12
[8] Art. 175(3) tal-Kap 12

Tqis ukoll li l-Mandat li r-rikorrenti qegħdin jitolbu l-ħruġ tiegħu huwa wieħed li jimmira li jikkonserva ġid – mobbli jew immobbli – milli jkun trasferit jew li b'xi mod jitgħabba b'xi piż jew dejn ġdid b'mod tali li 'l quddiem ma jkunx jista' jissoddisfa l-pretensjonijiet tar-rikorrent "kreditur" u mhuwiex maħsub milli jżomm lis-sid mit-tgawdija tiegħu jew li jżommu milli jużah;

Tqis li l-kreditu pretiż mir-rikorrenti fl-atti ta' dan il-Mandat jammonta għal miljun ħames mija u erbgħa u disgħin elf u ħames mitt euro (€ 1,594,500), liema somma tisboq il-limitu li jsemmi l-artikolu;

Tqis li, minbarra dan, bħala kejl ta' dan il-jedd *prima facie*, il-liġi timxi fuq il-pretensjoni, u mhux fuq jekk dik il-pretensjoni hijiex waħda mistħoqqa jew meqjusa: dak hu biss xogħol il-qorti li quddiemha titressaq il-kawża fil-mertu;

Tqis għalhekk li jirriżultaw l-elementi maħsuba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat mitlub;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa' t-talba** tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-Mandat;

**Taħtar**, għall-finijiet tal-artikolu 874(3) u bi spejjeż għar-rikorrenti, lin-Nutar Anthony Ħili biex jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u lir-Reġistratur tal-Artijiet; u

Tordna li l-intimati jħallsu l-**ispejjeż ta' din il-proċedura**.

Mogħti kameralment illum, it-Tlieta, 16 ta' Frar, 2016.

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**